# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 21**

**Citaz. Nru. 1909/99GV**

Doc. 149-01

**Malta International Airport p.l.c.**

**-vs-**

**1. Unjoni Haddiema Maghqudin (UHM) 2. General Workers Union (GWU)**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fuq talba ta' l-attrici, permezz ta' digriet definittiv emess fit-23 ta' Awissu, 1999, din il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99 li bih il-konvenuti gew mizmuma milli jkomplu jippromwovu jew izommu fis-sehh azzjonijiet industrijali fl-azjenda ta' l-attrici u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-attrici u dan stante illi;

- il-vertenza li tat lok ghas-serje ta' azzjonijiet u/jew theddida ta' azzjonijiet hija wahda fattwalment bejn il-konvenuti (tilwima dwar min mill-konvenuti ghandha tigi rikonoxxuta ghal skopijiet ta' *collective bargaining*), liema vertenza, minhabba n-natura originali taghha kienet giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-attrici;

- il-vertenza industrijali bejn il-konvenuti imbaghad saret wahda purament legali minhabba illi l-konvenuta General Workers Union ezercitat id-dritt taghha illi tirreferi punt ta' natura Kostizzjonali lil din il-Qorti, fatt li necessarjament jimplika certu moghdija ta' zmien u fatt illi johrog il-vertenza minn taht l-ambitu tal-protezzjonijiet u provvedimenti tal-ligi li jirrigwardaw vertenzi industrijali u jpoggiha fil-kamp purament legali;

- l-azjenda operata mill-attrici hija wahda vitali ghall ekonomija nazzjonali u ghall-vijabilita' tal-pajjiz u kull waqfien u dewmien fix-xoghol ikollu konsegwenzi irrimeddjabbli kbar kemm ghall-attrici u kemm ghal terzi;

- l-attrici, f'dawn ic-cirkostanzi, ma setatx aktar tkompli issofri minn direttivi li kien hemm fis-sehh u aktar u aktar ma setghatx topera b'theddida ta' aktar azzjonijiet mill-konvenuti sakemm il-vertenza ta' rikonoxximent tigi finalment rizolta u

- l-attrici kienet tigi pregudikata jekk il-konvenuti ma kienux jigu inibiti kif inghad;

Premess illi, ai termini ta' l-artikolu 875 u 843(1) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-attrici trid tiddeduci kawza ghal-jedd taghha imsemmi fil-fuq imsemmi mandat fit-terminu stabbilit fuq imsemmi artikolu 843(1) ta' l-istess Kodici kif fil-fatt qeghda taghmel;

Is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti biex:

1 tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti ma ghandhomx jippromwovu azzjonijiet industrijali fl-azjenda ta' l-attrici u/jew direttivi ghal tali azzjonijiet jew b'xi mod iehor iwaqqfu l-andament tax-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fil-Heliport ta' Ghawdex operati mill-attrici in konnessjoni mal-vertenza dwar min mill-konvenuti ghandha tigi rikonoxxuta ghal skopijiet ta' *collective bargaining* u

2 tikkonferma il-fuq imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3751/99.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-Union konvenuta Unjoni Haddiema Maghqudin (UHM) a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra is-socjeta attrici stante;

Illi l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 3751/99 m'ghandux jigi kkonfermat peress illi dan kien ibbazat fuq premessi zbaljati u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, partikolarment ta' l-Artiklu 2 tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Union esponenta fil-kors kollu ta' dawn il-proceduri legali, ossia fil-kors tal-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni 3751/99 u l-konsegwenti proceduri legali kollha dejjem sostniet illi hija f'ebda cirkostanza ma kienet qed taghti xi forma ta'

direttivi industrijali fl-MIA minkejja t-tilwima li kienet tezisti bejn il-kontendenti, u dan peress ill l-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali taw ragun lill-UHM;

Illi ghalhekk l-istess rikors ghall hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ma kellu qatt, *ab initio*, jigi intavolat anke fil-konfront tal-UHM;

Illi fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-23 ta’ Awissu, 1999 ghar-rikors tal-mandat imsemmi, irreferiet ghal ‘*kull direttiva jew azzjoni mehuda minn wahda miz-zewg unions intimati fil-konfront tas-socjeta’ intimata’*, b’intiza cara li dan kien dirett lejn il-General Workers Union li dak in-nhar tar-rikors, kienet qed taghti direttivi lill-haddiema tas-socjeta’ hawnhekk attrici;

Illi ghalhekk, il-UHM ghal darb’ohra tecepixxi illi hija giet imharrka inutilment u m’ghandha tbati ebda spejjes ta’ l-odjerni proceduri, stante illi l-proceduri ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kienu intizi biss biex iwaqqfu l-azzjonijiet industrijali li kienu qed isiru fl-MIA fuq direttivi ta’ Union ohra, u l-UHM qeghda kontinwament tigi mharrka inutilment, meta kienet qeghda biss tistenna illi l-MIA tapplika d-decizjoni tat-Tribinal Industrijali fuq il-mertu relevanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta’ attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezjonijiet tal-General Workers Union a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

1 Illi din il-kawza hi konnessa ma’ kawza ohra fl-ismijiet ‘General Workers’ Union vs Malta International Airport p.l.c. u Union Haddiema Maghqudin’

(citaz. Nru. 2129/99 AJM), u ghalhekk ghandu jigi applikat l-artiklu 793(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 3751/99, mahrug fl-20 ta' Awissu, 1999, mertu ta' din il-kawza, huwa null u bla ebda effett kif qed jintalab li jigi dikjarat fil-kawza fl-ismijiet premessi 'General Workers' Union vs Malta International Airport p.l.c. u Union Haddiema Maghqudin' (Citaz. Nru. 2129/99 AJM)

3 Illi konsegwentement l-ewwel talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-Union eccipjenti kellha u ghandha kull dritt tippromwovi azzjonijiet industrijali fl-azjenda tas-socjeta' attrici u l-istess Union eccipjenti tgawdi minn immunitajiet legali kif naxxenti mill-artiklu 17 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266).

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din il-kawza kienet konnessa u nstemghet kontestwalment mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi deciza llum stess citaz nru. 2129/99.

Dawn il-kawzi kienu bejn l-istess partijiet u jirrigwardaw l-istess meritu, ghalhekk dak li gie deciz f'dik is-sentenza ser ikun japplika *mutatis mutandis* ghal din is-sentenzi

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**